

TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2007 — Kerelov vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-109/07)

(Uffiċjali — Inammissibiltà manifesta — L-Artikolu 44(1)(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza)

(2008/C 64/104)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Georgi Kerelov (Pazardzhik, il-Bulgarija) (rappreżentant: A. Kerelov, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett

Talba għal, minn naħa, l-annullament tad-Deċiżjoni ta' l-EPSo tat-2 ta' Frar 2007, li ma tikkomunikax lir-rikorrenti l-informazzjoni u d-dokumenti relattivi għall-kompetizzjoni u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens tad-dannu subit.

Dispożittiv

1. Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
2. Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-12 ta' Diċembru 2007 — Kerelov vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-110/07)

(Servizz pubbliku — Inammissibiltà manifesta — Artikolu 44(1)(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza)

(2008/C 64/105)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Georgi Kerelov (Pazardzhik, il-Bulgarija) (rappreżentanti: A. Kerelov, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett tal-Kawża

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni ta' l-EPSo tas-7 ta' Frar 2007 li l-informazzjoni u d-dokumenti relattivi għall-kompetizzjoni ma jiġux ikkomunikati lir-rikorrent, u min-naħa l-oħra, talba għal kumpens għad-danni sostnuti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-12 ta' Diċembru 2007 — Kerelov vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-111/07)

(Servizz pubbliku — Inammissibiltà manifesta — Artikolu 44(1)(c), tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza)

(2008/C 64/106)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Georgi Kerelov (Pazardzhik, il-Bulgarija) (rappreżentant: A. Kerelov, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni ta' l-EPPO ta' l-14 ta' Diċembru 2006 li ma titlobx lir-rikorrent jimla formola ta' applikazzjoni bil-ħsieb ta' ammissjoni possibbli għall-kompetizzjoni u, min-naħa l-oħra, il-kumpens għad-dannu li huwa sofra.

Dispożittiv

- 1) Il-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

Rikors imressaq fit-8 ta' Ottubru 2007 — Tomas vs Il-Parlament

(Kawża F-116/07)

(2008/C 64/107)

Lingwa tal-kawża: Il-Litwan

Partijiet

Rikorrent: Stanislovas Tomas (Kerkrade, l-Olanda) (rappreżentant: M. Michaluskas, avokat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra li tkeċċi r-rikorrent safejn din ma ġietx annullata mid-deċiżjoni li tiċħad l-ilment, jew tannulla d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment safejn din ma annullatx id-deċiżjoni ta' tkeċċija;
- tikkundanna lill-konvenut iħallas lir-rikorrent s-somma ta' EUR 125 000 bħala kumpens tad-dannu morali u materjali li huwa ssubixxa;
- tikkundanna lill-konvenut ibati l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrent jitlob, minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Awtorità tal-Ħatra ddeċidiet it-tkeċċija tiegħu u, min-naħa l-oħra, il-kumpens tad-dannu subit. In sostenn tar-

rikors tiegħu, huwa jinvoka abbuż ta' funzjoni mill-Awtorità tal-Ħatra, il-ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, kif ukoll il-ksur ta' l-Artikolu 19 tal-Kodiċi Ewropew ta' Prattika Amministrativa Tajba, il-ksur tal-prinċipju ta' ħarsien tad-drittijiet tad-difiża u ta' amministrazzjoni tajba u l-ksur ta' l-obbligu ta' premura mill-Parlament.

Rikors imressaq fil-25 ta' Ottubru 2007 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-122/07)

(2008/C 64/108)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla n-nota tat-30 ta' Novembru 2006, prot. RELEX.K.4 D (2006) 522434;
- tannulla n-nota tal-15 ta' Frar 2006, prot. D (2006) 502458;
- tannulla d-deċiżjoni li tingħalaq l-investigazzjoni li tikkonċerna dak li seħħ fis-6 ta' Settembru 2001 meta r-rikorrent talab l-ghajjuna tas-servizzi tas-sigurtà tad-delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fl-Angola għat-tibdil ta' tajer tal-karrozza tiegħu;
- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta, indipendentement kif ittieħdet, li tiċħad it-talba ta' l-1 ta' Settembru 2006, li tressqet mir-rikorrent quddiem l-Awtorità tal-Ħatra;
- tannulla, safejn neċessarju, in-nota tas-16 ta' Lulju 2007 prot. ADMIN.B.2/MB/nb D(07) 16072;
- tannulla, safejn neċessarju, id-deċiżjoni, indipendentement kif ittieħdet, li tiċħad l-ilment tas-26 ta' Marzu 2007 imressaq mir-rikorrent lill-Awtorità tal-Ħatra;